**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 341/02**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Pierre Micallef Grimaud)**

**vs**

**Jose Bajada ta' 23 sena, iben Joseph**
**u Irene nee Azzopardi, mwieled**
**H'Attard fl-4 ta' Frar, 1979 u residenti**
**67 B, Triq Marsamxett, il-Belt, Valletta,**
**detentur tal-karta ta' l-identita'**
**numru 83579 (M).**

**Illum 29 ta' April, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Jose Bajada li gie akkuzat talli fit-28 ta' April, 2002 ghall-habta tas-2.30 ta' filghodu geww l-kumpless Embassy li jinsab fi Triq Santa Lucija, l-Belt bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u dan bi ksur tal-Artikolu 41 (1) (a) tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq PS 57 Raymond Caruana, persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew

minhabba  li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzgha jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li titqiesx vjolenza pubblika kontra PS 57 Raymond Caruana, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi hebb kontra PS 57 Raymond Caruana, sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna u dan bi ksur tal-artikolu 339 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Semghet l-Ammissjoni tieghu.

Rat l-Artiklu 41, 95, 96, 339 u 17 tal-Kapitlu 9.  Rat l-Artiklu 9 tal-Kap 152 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien sena.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.